*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,487, 13 ta' Awwissu, 2025*
*Taqsima B*

**A.L. 178 tal-2025**

**ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP 315)**

**Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r -"regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 315.10.

**2.** Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira ta' "prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx", għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

""prodott tat-tabakk imsaħħan" tfisser prodott tat-tabakk ġdid li jissaħħan biex jipproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad tinġibed man-nifs mill-utent, u li, skont il-karatteristiċi tiegħu, huwa prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew prodott tat-tabakk għat-tipjip.".

**3.** Iż-żewġ provisos tas-subregolament (7) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra. Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Is-subregolament (1) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

(a) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-prodotti tat-tabakk imsaħħna li skont il-karatteristiċi tagħhom huma prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux għandhom jiġu regolati skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/40/UE."

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Fir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "xi tabakk li ma jitpejjipx" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", esklużi prodotti tat-tabakk imsaħħna kif imfissra fir-regolament 2.".